32005D0850

L 315/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 1.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Novembru 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 2003/61/KE li tawtorizza ċerti Stati Membri jipprovdu għal derogi temporanji minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward ta' patata għaż-żrigħ li toriġina minn ċerti provinċji tal-Kanada

*(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4526)*

**(It-testi bil-Grieg, bl-Ispanjol, bil-Malti u bil-Portugiż biss huma awtentiċi)**

(2005/850/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri ta' ħarsien kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti, kif ukoll kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, il-patata għaż-żrigħ li toriġina mill-Kanada ma tistax tiddaħħal fil-Komunità. Madankollu, id-Direttiva tippermetti derogi minn dik ir-regola, dejjem jekk ma jkunx hemm riskju li jixterdu organiżmi li jagħmlu l-ħsara.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/61/KE ([2]) tipprevedi deroga għall-importazzjoni ta' patata għaż-żrigħ li toriġina minn ċerti provinċji tal-Kanada fil-Greċja, l-Italja, l-Portugall u Spanja soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet speċifiċi.

(3) Il-Portugall talab għal estensjoni ta' dik id-deroga.

(4) Is-sitwazzjoni li tiġġustifika dik id-deroga ma tbiddlitx u, għalhekk, id-deroga għandha tkompli tapplika.

(5) Id-deroga fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/61/KE għandha tiġi estiża għal Stati Membri ġodda b'kundizzjonijiet klimatiċi simili għal dawk imsemmija fid-Deċiżjoni.

(6) Id-Deċiżjoni 2003/61/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/16/KE (ĠU L 57, 3.3.2005, p. 19).

([2]) ĠU L 23, 28.1.2003, p. 31.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2003/61/EC hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), il-kliem "il-Greċja, l-Italja, il-Portugall u Spanja" jinbidlu b'"il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, Malta, u l-Portugall".

2. L-Artikolu 1(2)(c) jinbidel b'dan li ġej:

   "c) għall-istaġuni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-patata mill-1 ta' Frar 2003 sal-31 ta' Marzu 2003, mill-1 ta' Diċembru 2003 sal-31 ta' Marzu 2004, mill-1 ta' Diċembru 2004 sal-31 ta' Marzu 2005, mill-1 ta' Diċembru 2005 sal-31 ta' Marzu 2006, mill-1 ta' Diċembru 2006 sal-31 ta' Marzu 2007 u mill-1 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Marzu 2008."

3. Fl-Artikolu 8 jiżdiedu dawn li ġejjin mal-lista ta' portijiet:

   "k) Lemesos

   l) Larnaca

   m) Marsaxlokk

   n) Valletta

   o) Sines."

4. Fl-Artikolu 10 (3) it-tieni sentenza tinbidel b'dan li ġej:

   "Sal-15 ta' April ta' kull kalendarju li fih isseħħ l-importazzjoni, il-korpi uffiċjali responsabbli ta' Stat Membru li qiegħed juża din id-deroga jeħtieġilhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jorganizzaw l-eżaminazzjoni u l-irreġistrar tagħha."

5. Fl-Artikolu 14, it-tieni u t-tielet paragrafu jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Istat Membru ta' l-importazzjoni jeħtieġlu jinforma lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, qabel l-1 ta' Ġunju ta' kull sena kalendarja li fiha sseħħ l-importazzjoni, b'tagħrif dwar l-ammonti (lottijiet ta' patata għaż-żrigħ/kunsinji) importati skond din id-Deċiżjoni u b'rapport tekniku ddettaljat dwar l-eżaminazzjoni uffiċjali msemmija fl-Artikolu 10.

F'dawk il-każi fejn Stati Membri wettqu eżaminazzjonijiet uffiċjali fuq il-kampjuni msemmija fl-Artikolu 10, ir-rapporti ddettaljati ta' eżaminazzjonijiet bħal dawn jitressqu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Ġunju ta' kull sena kalendarja."

6. Fl-Artikolu 15, "il-31 ta' Marzu 2005" tinbidel b'"il-31 ta' Marzu 2008".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' Malta, u r-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*